# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Għoxrin (20) ta' Ottubru 2020**

**Rikors Numru 620/20 FDP**

Fl-ismijiet

**Dr. Daniel Buttigieg (ID 158087M) għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' estera Computer Gross Italia S.p.A (C.F. 02500250168)**

**Vs**

**Talocan Limited**
**(C 51275)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 24 ta' Lulju 2020, li permezz tiegħu r-rikorrenti nomine talab is-segwenti:

    *(1) Illi l-esponenti ġie appuntat bħala mandatarju speċjali tas-soċjeta' estera Computer Gross Italia S.p.A (C.F. 02500250168) u dan bis-saħħa tal-board resolution Dok DB1 hawn annessa.*

    *(2) Illi l-intimata hija debitriċi tar-rikorrenti nomine fis-somma ta' €190,953.46 oltre l-imgħax legali mid-data ta' kull fattura rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' merce ikkonsenjata lill-intimata u dan kif jirriżulta mill-fatturi numerati hawn annessi u mmarkati Dok DB2 u DB 4.*

    *(3) Illi din il-merce ġiet ordnata mill-intimata u debitament kkonsenjata lilhom kif jirriżulta mill-irċevuti Dok DB3 u DB 5 hawn annessi.*

*(4) Illi dan id-debitu huwa ċert, likwidu u dovut.*

*(5) Illi ġia' la darba dan huwa debitu kummerċjali l-imgħax legali bir-rata tat-8% huwa dovut mid-data ta' kull fattura u għalhekk mill-31 ta' Awwissu 2017 in kwantu għall-ammont ta' €144,041 u mill-31 ta' Lulju 2017 in kwantu għall-ammont ta' €46,912.*

*(6) Illi l-intimati m'għandhom l-ebda eċċezzjonijiet validi fil-liġi u għalhekk din l-Onorabbli Qorti għandha tiddisponi mill-kawża bid-dispensa tas-smiegħ ai termini ta' l-Artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*(7) Illi s-soċjeta' esponenti interpellat diversi drabi lill-intimata għall-ħlas imma minkejja dana hija xorta waħda baqghet inadempjenti.*

*(8) Illi s-soċjeta' rikorrenti taf b'dawn il-fatti personalment u għalhekk awtorizzat lill-esponenti nomine jikkonfermahom bil-ġurament tiegħu.*

*Għaldaqstant jgħid l-intimat prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi u kif dispensat mis-smigħ tal-kawża a tenur tal-Artikolu 167/170 tal- Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta għaliex din il-Qorti m'għandhiex:*

*1. Tipproċedi għas-sentenza skond it-talba tar-rikorrent nomine bid-dispensa tas-smigħ tar-rikors ai termini tal-Artikoli 167 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*2. Tiddikjara illi l-intimata hija debitriċi tar-rikorrenti nomine għas-somma ta' €190,953.46 oltre l-imgħax legali mid-data ta' kull fattura.*

*3. Tikkundanna lill-intimati jħallsu lill-attur nomine is-somma ta' €190,953.46 oltre l-imgħax legali mid-data ta' kull fattura.*

*Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru u bl-inġunzjoni ta' l-intimata għas-subizzjoni.*

2. Rat illi, fil-5 ta' Ottubru 2020, meta ssejjħet il-kawża, dehret rappreżentant tas-soċjeta' intimata fejn għarrfet lill-Qorti illi l-ammont mitlub mhux qiegħed jiġi kkontestat iżda li huwa kkontestat huwa l-fatt li ġia kien hemm ftehim dwar ħlasijiet.

3. Rat illi għalhekk ir-rappreżentant tas-soċjeta' intimata talbet differiment għal transazzjoni.

4. Rat illi fil-15 ta' Ottubru 2020, il-Qorti ġiet infurmata illi ma hemmx kontestazzjoni dwar l-ammont dovut filwaqt illi l-partijet qabblu illi imgħax kellu jibda jiddekorri mit-28 ta' Frar 2019.

5. Rat illi għalhekk, il-Qorti tqis illi tista' tipproċedi tiddeċiedi r-rikors promotur bid-dispensa tas-smigħ a tenur tal-Artikolu 167 tal-Kap 12.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti,

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiddikjara** lis-soċjeta' intimata Talocan Limited debitriċi tar-rikorrenti nomine għas-somma ta' €190,953.4.

**Tikkundanna** lis-soċjeta' intimata Talocan Limited tħallas lill-attur nomine is-somma ta' €190,953.46 bl-imgħax mit-**28 ta' Frar 2019** sad-data tal-pagament effettiv.

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni ikunu a kariku tas-soċjeta' intimata.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**